

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10852/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0171 (NLE)

ECOFIN 853
UEM 281
FIN 920
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 309 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 309 final.

Mehmuż: COM(2026) 309 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2026
COM(2026) 309 final

2026/0171 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu

{SWD(2026) 167 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mil-Lussemburgu fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni² (id-"Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Jannar 2023³, tat-23 ta' Settembru 2024⁴, tal-14 ta' April 2025⁵, u tat-13 ta' Novembru 2025⁶.
- (2) Fid-29 ta' Mejju 2026, il-Lussemburgu għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, il-Lussemburgu ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati mil-Lussemburgu minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw tmien miżuri.
- (4) Il-Lussemburgu spjega li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba inqas domanda għall-appoġġ minn dak mistenni. Dan jikkonċerna LU-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² Ara d-dokumenti: ST 10155/21 INIT; ST 10155/21 ADD 1.

³ Ara d-dokumenti: ST 16022/22 INIT.

⁴ Ara d-dokumenti: ST 12569/24 INIT; ST 12569/24 ADD 1.

⁵ Ara d-dokumenti: ST 7450/25 INIT; ST 7450/25 ADD 1.

⁶ Ara d-dokumenti: ST 14446/25 INIT; ST 14446/25 ADD 1.

C[C4A]-I[I3] Kostruzzjoni ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija fotovoltajka fil-bini tan-negozju. Abbażi ta' dan, il-Lussemburgu talab li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Il-Lussemburgu spjega li seba' miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna LU-C[C2A]-I[I] Skema ta' appoġġ għall-punti ta' iċċarġjar, LU-C[C3B]-I[I1] Ġestjoni Elettronika tad-Dokumenti u Ġestjoni tal-Każijiet, LU-C[C3B]-I[I3] eADEM, LU-C[C3B]-I[I4] Pjattaforma nazzjonali għall-ġestjoni tal-istħarriġ pubbliku, LU-C[C4A]-I[I1] Il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli fid-djar, LU-C[C4A]-I[I3] Kostruzzjoni ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija fotovoltajka fil-bini tan-negozju, LU-C[C4A]-I[I4] Miżura fuq skala akbar: Investiment [2A-4]: Skema ta' appoġġ għall-punti tal-iċċarġjar. Abbażi ta' dan, il-Lussemburgu talab li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Wara t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni ta' miżura f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Lussemburgu talab li juża r-riżorsi liberati mit-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tagħha biex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda. Dan jikkonċerna LU-C[C4A]-I[I2] Il-promozzjoni ta' mobbiltà attiva u b'emissjonijiet żero. Abbażi ta' dan, il-Lussemburgu talab li l-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda jiżdied. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (7) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (8) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mil-Lussemburgu ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (9) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont imqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (10) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Lussemburgu huma ta' EUR 241 100 776. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa uguali għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal-Lussemburgu, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament

(UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Lussemburgu jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 241 100 776. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Lussemburgu tibqa' l-istess.

- (11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (12) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-ġoti tal-fondi tal-Unjoni taħt kwalunkwe programm tal-Unjoni għajr il-Faċilità jew għall-proċeduri relatati mad-distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Dan ma jannullax ir-rekwiżit li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għal-Lussemburgu fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2
Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).